# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI NRU. 1150

Kaz Nru. 1449

Fil-kwistjoni ta'xoghol

bejn

Sylvia Bianco

u

Vascas Enterprises Ltd.

dwar tkeccija mix-xoghol allegata
li hi ingusta

Data: 8 ta' Novembru 2000

Chairman: Is-sur Franco Masini

**1.Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fis-16 ta' Gunju 2000 permezz ta' ittra b'riferenza MSP/TI/43/2000 skond l-Artikolu 28(2) tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266).U dana fuq talba tal-Avukat Joseph Brincat f'isem Mrs Sylvia Bianco. L-Appellanti kienet mghejjuna mill-istess Avukat Joseph Brincat assistit mill-Avukatessa Daniela Borg. Il-Kumpanijja Appellata kienet rapprezentata mis-Sur Mark Vassallo u s-Sur Arthur Castillo assistiti mill-Avukat Ian Spiteri Bailey. Inzammu hames seduti. L-Appell li ghamel it-Tribunal biex jekk jista jkun isir kompromess bejn partijiet ma kellux ezitu pozittiv.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellanti kienet tahdem *part-time* bhala *sales assistant* mas-socjeta appellata Vascas Enterprises Ltd fil-hanut tal-gjojellerija fin-Naxxar. Fit-8 ta' Mejju 2000 hija giet licenzjata allegatament ghax ma kienitx tahdem tajjeb specjalment fir-relazzjoni taghha mall-klijenti tal-kumpanijja, haga li l-Appellanti innegat.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Bhal kazi kollha ta' dat-tip it-Tribunal kellu jistrieh bilfors fuq il-fatti kif gew svelati fix-xhieda diversi li gew mtellghin mill-partijiet. U dana biex jigu stabbiliti dawk il-fatti li ghandhom x'jaqsmu mall-kaz u li ma hemmx kontroversja fuqhom. Irrizulta minghajr dubju ta' xejn, u dan huwa fatt ammess anke mill-Kumpanijja Appellata, li l-Appellanti kienet onesta. Ghaldaqstant ma saru l-ebda allegazzjonijiet dwar l-inegrita personali taghha. Izda mix-xhieda rrizulta li l-Appellanti kellha nuqqasijiet kbar li affettwaw serjament ir-rendiment taghha bhala impjegata. Ghaliex irid jinghad illi l-integrita u l-onesta huma indispensabbli fl-impjegat. Izda ma humiex l-unici karatteristici li wiehed ifittex fl-impjegat tieghu.

Ma' tul is-smiegh tal-kaz irrizulta carament illi kien hemm inkompatibilita kbira bejn l-Appellanti u l-principali taghha. Dana forsi gej mill-fatt illi fil-karriera taghha l-Appellanti kienet azzjonista u propjetarja ta' diversi socjetajiet u ghalhekk ma kelliex karatteristici ta' impjegata izda pjuttost ta' principal. Dana irrizulta f'agir ta' superjorita u effettivament kien jidhrilha li ghandha tagixxi kif trid hi u mhux skond l-ordnijiet li kienu jinghatawlha mill-principali taghha.

In-nuqqasijiet tal-Appellanti setghu jigu raggruppati fi tliet kategoriji: (a) inkompetenza , (b) nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kumpanijja, u (c) attitudini negattiva gharrigward tal-klijenti. Dawn it-tliet kategoriji ta' nuqqasijiet gew sostanzjalment ipprovati. Irrizulta mill-provi li l-Appellanti kellha nuqqas serju ta' konoxxenza tal-lingwa ingliza, bir-rizultat li gieli kienet tghaddi kliem spelluti hazin biex jigu *engraved* fuq oggetti prezzjuzi. Qatt ma tghallmet tqartas sewwa l-oggetti li jinxtraw avolja ghal gojjellerija l-imballag huwa ta' importanza kbira u kemm il-darba ingibditilha l-attenzjoni ghal dan. Ghal dak li jirrigwarda nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-kumpanijja rrizulta li kienet tirrapporta abitwalment tard ghax xoghol, ghad li stqarret li gieli damet kemm hemm bzonn qabel ma jaghlaq il-hanut. Kienet tonqos li turi lill-klijenti dak kollu li jinteressahom bir-rizultat li gieli intilef xi bejgh. Izda l-akkuza l-iktar serja, u din giet ippruvatha, kienet dik dwar id-*discount* li kienet taghti lill-klijenti. Dana kien ikun inqas minn dak li l-Kumpanijja kienet normalment taghti. L-Appellanti kienet erronjament tirraguna li ghandha tiffranka flus lill-principali taghha billi tikkoncedi *discount* inqas minn dak stabbilit. Kienet tiehu ir-regoli f'idejha u taghmel hi. Kienet tinsa li hi kienet impjegata u mhux il-principal. L-agir taghha kien tali li gieli klijenti gergru li ma jiehdux id-*discount* li normalment il-Kumpanijja kienet taghti. Ir-relazzjoni taghha mall-klijenti kienet deficjenti ghall-ahhar tant li ntqal li hafna klijenti kienu jirrifjutaw li jigu servuti mill-Appellanti. Imbaghad kien hemm il-kaz fejn dahlet klijenta tajba u l-Appellanti stqarret illi din kienet darba haditilha ditta.

Ma hemmx dubju kif hareg mix-xhieda li n-nuqqasijiet tal-Appellanti kienu fil-fatt sehhew. Li ried jistabbilixxi t-Tribunal kien jekk dawn in-nuqqasijiet kienux jammontaw ghall-infrazzjoni tali li setghet isservi bhala raguni valida biex tigi licenzjatha. Spikka waqt il-kaz in-nuqqas ta' twissijiet bil-miktub. Izda irrizulta li d-Diretturi tal-Kumpanijja Appellata kemm il-darba taw lill-Appellanti twissijiet bil-fomm. L-Appellanti tghid li dawn ma kienux forma ta' twissijiet izda pjuttost kummenti fuq l-agir taghha. Izda t-Tribunal huwa konvint li dawn fil-fatt kienu twissijiet. Sintendi kien ikun preferibbli li dawn saru bil-miktub biex jigi evitat kwalsijasi ekwivoku. Izda dan it-Tribunal diversament presjedut kemm il-darba sostna li twissijiet bil-fomm huma accettabbli.

It-Tribunal huwa tal-fehma li n-nuqqasijiet tal-Appellanti jammontaw ghal agir li ma hux tollerabbli f'impjegata f'gojjellerija fejn fost kollox relazzjoni tajba mal-klijenti hija indispensabbli daqs kemm hija l-onesta u l-integrita.

**4. Decizjoni**

It-Tribunal jiddecidi li l-Appellanti giet licenzjata ghal raguni valida u sufficjenti. B'hekk jintemm dan il-kaz.

**5. Drittijiet**

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wiehed.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja